MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 454/2005

**Marina San Gorg Limited (C 4852)**

**Vs**

**Channel Company Limited u b'digriet tat-Tribunal tat-18 ta' Lulju, 2005 giet ordnata l-kjamat in kawza ta' Thomas Montalto**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm422.85c) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni gewwa l-lukanda Corinthia Marina Hotel u servizzi ohra relatati u pprovduti lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni qalet illi s-socjeta' attrici ghandha tindika d-data u l-post relattivi minhabba li m'humiex indikati fuq l-Avviz.

Fit-tieni eccezzjoni s-socjeta' konvenuta qalet li m'ghandha taghti xejn lill-attrici.

Ra r-Rikors tas-socjeta' attrici u d-digriet tat-18 ta' Lulju, 2005.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Marisa Ciappara li hija Financial Controller / Accounts Manager mas-socjeta' attrici fejn tikkonferma li l-ammont f'din il-kawza huwa pendenti.

Tghid illi Thomas Montalto tac-Channel Company Limited kien baghat *request* sabiex jirriserva xi kmamar. Tghid ukoll illi Montalto kien talab estenzjoni fl-istay tal-guests u dan waqt li l-istess guests kienu ghadhom hemm.

Montalto kien iffirma wkoll dokument 'on check-out' fejn accetta li jhallas hu.

Ra x-xhieda ta' Daphne Smith li tiehu hsieb il-Credit Control Collective tas-socjeta' attrici fejn tghid illi tkellmet mas-Sur Fenech tas-socjeta' konvenuta li nfurmaha li kien ha johrog il-pagament dovut. Dan kien f'Novembru 2002. Tikkonferma li kienet baghtet lis-socjeta' konvenuta e-mails izda qatt ma rceviet risposta lura.

Ra Dok. 7641 fejn Thomas Montalto ghas-socjeta' konvenuta ffirma u ha r-responsabbilta' sabiex l-istess socjeta' konvenuta tkun responsabbli ghall-hlas.

Ra li Dr Massimo Vella ghall-konvenuti ssolleva l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2147 (b) tal-Kodici Civili.

Il-konvenuti ma xehdux.

**Ikkunsidra**

Illi l-**Artikolu 2147 (b)** tal-Kodici Civili jipprovdi:

"Actions of keepers of inns, taverns or lodging houses for lodging and board furnished by them…are barred by the lapse of one year."

Illi l-fatti mhux ikkontestati – s-socjeta' konvenuta baghtet *reservation request* – il-klijenti tas-socjeta' konvenuta wzaw il-lukanda u fl-ahhar il-konvenut personalment accetta li jhallas. Is-socjeta' attrici kienet baghtet il-kont u cemplet ghall-hlas. Certu Mr Grech ghas-socjeta' konvenuta kien accetta f'Novembru 2002 li s-socjeta' konvenuta kienet se thallas. Is-servizz inghata f'Lulju 2002. Giet ipprezentata Ittra Ufficjali fit-2 ta' Novembru, 2004 u l-kawza giet ipprezentata fil-11 ta' Frar, 2005.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta u Thomas Montalto fejn tghid li ghandha tigi ddentifikata l-preskrizzjoni applikabbli ghaliha b'referenza ghall-kawza **Stencil Pave (Malta) Limited Vs Dr Maria Deguara noe - PA 1656/01JRM deciza fit-30 t'Ottubru, 2003** - iz-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'referenza ghall-azzjoni kif imfassla.

B'referenza ghall-kawza **Carmelo Cassar noe Vs Victor Zammit - App. Inf. 940/01PS deciza fit-23 ta' Gunju, 2004** - huwa pacifiku li:

"Hu maghruf, u anki accettat, in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri."

Is-socjeta' konvenuta ghalhekk tispjega li l-allegati "servizzi relattati" msemmija fl-Avviz kienu jikkonsistu fi provizjon ta' ikel u xorb.

L-istess socjeta' tghid illi l-Artikolu 2147 (b) tal-Kodici Civili jippreskrivi li "l-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, tverna jew allogg, ghall-allogg u ghall-ikel li jaghtu" huma milquta

minn perjodu preskrittiv ta' sena. Tispjega wkoll illi fl-Artikolu 541 et seq tal-Kodici tal-Kummerc jistipula dekadenza ta' hames snin applikabbli ghal certi azzjonijiet kummercjali specifici bhall-*actio cambria*.

Ra r-referenza li ghamlet is-socjeta' konvenuta ghal ghadd ta' sentenzi li jittrattaw dwar l-Artikoli 2148 (a), 2148 (b), 2149 (a) u (c) tal-Kodici Civili fejn huma specifici ghall-preskrizzjonijiet naxxenti mill-imsemmija Artikoli u zgur ma jistghux jigu nterpretati bhala li joholqu xi forma ta' principju generali li f'ambitu kummercjali l-preskrizzjonijiet kollha li huma aqsar minn hames snin ma japplikawx.

L-istess socjeta' tghid illi l-Artikolu 2147 (b) huwa li l-azzjonijiet tal-lukandiera "ghall-allogg u ghall-ikel li jaghtu" huma milquta bi preskrizzjoni ta' sena sic et sempliciter u ghalhekk l-azzjoni attrici ghandha titqies li giet preskritta.

Ra n-Nota responsiva tas-socjeta' attrici fejn gie sottomess illi l-mertu mhux qed jigi kkontestat mis-socjeta' konvenuta u l-kjamat in kawza.

Is-socjeta' attrici tghid illi l-Artikolu 2147 (b) ma jista' qatt jigi applikat ghall-azzjoni attrici u dan ghaliex din il-kawza ma kienetx bejn lukandier u klijent konsumatur izda saret a bazi ta' negozju bejn zewg kumpaniji kummercjali.

Tghid ukoll illi s-socjeta' konvenuta kienet ghamlet dawn il-prenotazzjoni bhala parti mill-attivitajiet kummercjali taghha. Stante l-ezistenza ta' obbligu kummercjali da parti tas-socjeta' konvenuta u l-kjamat in kawza, f'dan il-kaz ma jistax japplika l-Artikolu ta' preskrizzjoni specjali sollevat mis-socjeta' konvenuta u l-kjamat in kawza, izda japplika l-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita mill-Kodici Civili taht l-Artikolu 2156 (f) li f'dan il-kaz ghadu m'ghaddiex.
Is-socjeta' attrici ghamlet referenza ghall-kawza **AMC Marketing Limited Vs Pletz Holdings Limited deciza fit-22 ta' Frar, 2002** fejn qalet bic-car li biex id-dejn jintlaqat bi preskrizzjoni specjali "jrid ikun ghall-prezz tal-bejgh min-negozjant lill-konsumatur".

Tghid ukoll illi ghalhekk fil-kaz odjern, bl-istess mod li ssir distinzjoni bejn bejgh minn kummercjant ghall-konsumatur li huwa suggett ghall-preskrizzjoni specjali filwaqt li dak minn kummercjant ghall-iehor huwa suggett ghall-preskrizzjoni kummercjali generali ta' hames snin, hekk ukoll issir l-istess distinzjoni fil-kaz tas-servizzi li gew mibjugha mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta. Tghid ukoll illi r-raguni wara dan il-principju huwa l-*credit terms* li jinghataw lill-kumpaniji izda li min-naha l-ohra ma jinghatawx lill-konsumatur dirett.

L-istess socjeta' ghamlet referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Galea Joseph Ronald pro et noe Vs Uniservices Limited** - **PA 2486/99GCD deciza fit-30 ta' Marzu, 2001** - fejn gie ritenut li:

"In-negozju li jkun wiehed ta' bejgh min-negozjant ghall-iehor huwa suggett ghall-preskrizzjoni ta' hames snin taht l-Artikolu 2156 (f) u mhux ghall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar."

Illi ma jistax jigi njorat il-fatt illi s-socjeta' konvenuta u l-kjamat in kawza rrikonoxxew dan l-obbligu sa mill-bidu meta l-kjamat in kawza ffirma hu stess il-kont mahrug mis-socjeta' attrici u d-dikjarazzjoni hemm kontenuta, tant li lanqas biss gabu prova wahda fis-smiegh tal-kawza sabiex jittentaw jikkontestaw li ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici.

Fil-kawza **Portelli Vs Psaila - PA 29/5/2003** intqal:

"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabbilta' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent…bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni…hija istitut li, min-natura tieghu, jrid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Din ukoll hija cirkostanza li din il-Qorti temmen fiha bil-qawwa kollha u qisitha sewwa biex

waslet ghall-fehmiet taghha fuq il-fatti li tressqu quddiemha f'dan il-kaz."

Illi l-Artikolu msemmi mill-konvenuti ma japplikax ghall-fatti f'din il-kawza. Il-konvenuti ma wzawx dan is-servizz personalment izda talbu dan is-servizz ghal haddiehor bhala parti min-negozju taghhom, kien hemm negozju bejn zewg negozjanti. (Ara **Ind. Highfield Limited Vs Keith Camilleri et - 1108/97AJM sentenza in parte**).

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundannahom in solidum bejniethom sabiex ihallsu l-ammont ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm422.85c) bl-imghax mit-30 ta' Lulju, 2002 u bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------